MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 288/2012

**Citadel Insurance Limited (C-21550) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Tabone (ID 42072M), u l-istess Michael Tabone u skont digriet tat-Tribunal moghti nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2013, gie kjamat in kawza l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz datat l-10 t'April, 2012 fejn is-Socjeta' attrici ppremettiet illi:

Qed jintalab li l-Awtorita' intimata tigi kkundannata thallas lill-esponenti s-somma ta' disa' mija u tmienja u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€968.76) rapprezentanti kumpens ghad-danni sofferti mill-istess esponenti in segwitu ghall-incident li sehh nhar is-6 ta' Frar, 2011 fi Triq il-Mithna, Qormi meta l-vettura assigurata mis-Socjeta' esponenti Michael Tabone bin-numru ta' registrazzjoni MGT902 kienet qed tinstaq fit-triq relattiva u garrbet hsara minhabba li fit-triq relattiva hemm zewg hofor kbar u liema danni sehhew unikament minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' manutenzjoni tal-imsemmija triq da parti tal-Awtorita' ntimata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess Awtorita' ntimata li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita' konvenuta datata 08 ta' Mejju, 2012 fejn eccepixxiet:

1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni tal-atturi ma tiswiex u hija ntempestiva ghaliex tressqet bla ma qabel saret interpellazzjoni b'att gudizzjarju kif irid l-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll in linea preliminari, l-Awtorita' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi u dan ghaliex it-triq in kwistjoni ma taqax taht ir-responsabbilita' tal-Awtorita' konvenuta peress illi tali triq mhiex triq arterjali jew distributorja.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tal-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in Subizzjoni.

Ra l-avviz;

Ra r-risposta;

Ra li fuq talba tas-Socjeta' attrici u permezz ta' digriet fil-5 ta' Frar, 2012 il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi gie kjamat in kawza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha fil-process;

Sema' x-xhieda kollha;

Ra l-verbal li bih thalliet illum ghas-sentenza.

Din it-talba tirrigwarda danni subiti fuq il-vettura bit-targa MGT902 proprjeta' ta' Michael Tabone in segwitu t' incident li sehh fis-6 ta' Frar, 2011. Il-vettura kienet assigurata ma' Citadel Insurance plc li hallset it-tiswijiet fis-somma ta' disa mija u tmienja u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€968.76c)[1] , u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' Michael Tabone.

Illi fil-kawza odjerna l-Awtorita` qeghda tikkontesta li hija l-legittima kontradittrici fil-kawza u li din il-kawza hija intempestiva.

[1] ara DoksGM1 sa GM12 a fol 2 et seq tal-pocess

Illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2014, fuq talba tal-Awtorita` konvenuta, u wara diversi seduti li kienet ghall-provi tas-Socjeta` attrici u ma sar xejn [2] jew ma deher hadd ghas-Socjeta` attrici,[3] t-Tribunal ghalaq il-provi u ghadda ghall-provi tal-konvenuti.

Illi wara li saru diversi seduti fejn instemghu il-provi tal-konvenut u l-kjamat in kawza fit-18 ta' Marzu, 2015 is-Socjeta' attrici prezentat rikors fejn talbet ir-revoka tad-digriet *contrario imperio* sabiex tressaq il-provi taghha. Il-konvenuti opponew ghat-talba tas-Socjeta` attrici. Permezz ta' digiret fit-18 ta' Marzu, 2015 it-Tribunal cahad it-talba ghaliex ma kienx hemm l-edba raguni valida biex tirrevoka d-digriet.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2015 dehru rapprezentani tal-Kunsill Lokali u tal-Awtorita' tat-Trasport. Ma deher hadd ghas-Socjeta` attrici. ld-difensuri tal-Kunsill Lokali u l-Awtorita' tat-Trasport ttrattaw din it-talba u t-talba marret ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Fit-talba odjerna l-assikurazzjoni hadet passi kontra l-Awtorita` tat-Trasport u l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi ghall-hsarat ikkawzati fuq vettura li kienet ghadejja fi Triq il-Mithna, liema vettura kienet proprjeta` ta` Michael Tabone assikurat ta' Citadel Insurance.

It-Tribunal sema` x-xhieda tal-**Perit Graziella Galea** li hija l-Assistant Manager inkarigata li tiehu hsieb in-nofs inhar ta' Malta. Skont il-MEPA u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali din it-triq ma taqax taht ir-responsabilita' tal-Awtorita'. Ghamlet referenza ghad-dokument TM1 – TM6. Illi Dok TM6 hija mappa tat-toroq li jindikaw it-toroq li jaqaw taht ir-responsabilita' tal-Awtorita' li huma t-toroq arterjali u distributorji

[2] gew fissati is-segwenti seduti u ma sar xejn 6/5/2013, 29/5/2013
[3] : 8/10/2013, 19/11/2013', (28/01/2014[3])) 12/3/2014, )

u Triq il-Mithna, Hal Qormi ma hiex wahda minnhom. L-Awtorita` dejjem tmexxi skont id-dokumenti li johrogu mill-MEPA u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

It-Tribunal sema` x-xhieda tal-**Prokuratur Legali Joelene Pace Ciscaldi** ghall-Awtorita` tat-Trasport Malta li kkonfermat illi l-Awtorita' m'ghandhiex rekords li qatt ircevew xi protest gudizzjarju jew xi ittra ufficjali jew xi korripsondenza minghand Citadel Insurance. [4]

1. Legittimu kontradittur

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal ghandu jistabillixi min hu l-legittimu kontraditur ghaliex l-Awtorita` qeghda tikkontesta li hija mijhiex il-legittimu kontradittur fil-kawza ghaliex din it-triq mhijiex wahda arterjali jew distributorja.

*Artikolu 33* jghid is-segwenti:

*(1) Bla hsara ghas-sub artikolu (2) u ghad-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tkun fis-sehh fiz-zmien il-funzjonijiet ta'* ***kull Kunsill Lokali*** [5] *jkunu:*

*(a) li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall- manutenzjoni ta' jew titjieb f'kull triq jew moghdija li ma tkunx proprjeta` privata….*

*(d) ….. li jestabblixxi u jzomm fi stat tajjeb postjiet ghal nies bil-mixi u ghall-ipparkeggjar u biex jipprovdi ghall-harsien tat-tfal tal-iskola qrib l-iskejjel.*

*(2) Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-pjanta struttura ….. huma* ***responsabilita` tal-Gvern*** [6] *u hlief kif provdut skont is-sub artikolu (1) (w) jew (x) huma ghal kollox eskluzi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali.*

[4] Ara wkoll dok a fol 23 tal-process.
[5] Emfazi mizjuda
[6] Emfazi mizjuda

Illi ghalhekk hawn ghandna ndikati l-parametri tar-responsabilita` tal-partijiet ghalhekk johrog car illi toroq arterjali u distributorji huma r-repsponsabilita' tal-Gvern. LS 499.57 "toroq arterjali u distributorji" jfisser dawk it-toroq li huma hekk elenkati mill-Awtorita` kif hemm fir-Regolament 3(3) u kif indikati mill-istess artikolu huma stabbiliti mill-pjanta strutturali. L-Awtorita` tat-Trasport ipprezentat pjanta sanzjonata mill-MEPA tat-toroq f'Hal Qormi li jinkludu Triq l-Imdina, Triq Manwel Dimech, Triq Hal Qormi u Triq is-Sebh u ghalhekk ma hemmx referenza ghal Triq il-Mithna.[7] Huma ghalhekk it-toroq arterjali u distributorji li huma esklusi mill-kompetenza tal-Kunsill Lokali.

Fl- LS 499.57 3(1) jghid is-segwenti: *Izda fejn triq la tkun arterjali lanqas triq distributorja il-manteniment it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali*.

Il-Kunsill Lokali ghandu ghalhekk jzomm:

*"fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta' jew titjib f'kull triq jew moghdija li ma tkunx proprjeta` privata"*

Kap 363, Tal-Ligijiet ta Malta taghti definizzjoni ta' x'inhi triq "*Triq tinkludi kull triq, sqaq, misrah, pont, xatt il-bahar, moll, jew post iehor ta' passagg jew access pubbliku*"

Ghalhekk jidher li huwa sufficjentement ippruvat illi Triq il-Mithna ma huwiex taht il-gurisdizzjoni u responsabilta` tal-Awtorita` u ghalhekk ma hiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

2. Intempestivita tal-kawza

---

[7] Ara doks TM1-TM6

Illi ghalhekk il-kwistjoni dwar l-intempestivita` tal-kawza viz a viz l-Awtorita` m'ghandhiex relevanza. Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-Kunsill Lokali ma qajjimx l-intempestivita bhala eccezzjoni. Tqajmet biss fl-istadju ta' trattazzjoni. Ghalhekk it-Tribunal irid ghalhekk jara jekk artikolu 460 ghandux applikazzjoni ghall- kawza.

*Artikolu 460 : 460. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-sub artikolu (2),*

*ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga` pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-Awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

*(2) Id-dispozizzjonijiet tas-sub artikolu (1) ma japplikawx (a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*

*(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*

*(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*

*(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*

*(e) għal referenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*

*u meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispozizzjonijiet tas-sub artikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.*

Fil-kawza *"**Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita` tal-Ippjanar**"*[8] kienet osservat li meta persuna tkun trid taghmel kawza kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar, qabel ma ssir ic-citazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita' permezz ta' Ittra Ufficjali

[8] Prim Awla tal- Qorti Civili *deciza fit-13 ta' Lulju 2000,*

jew Protest Gudizzjarju, li ghandha intenzjoni li taghmel il-kawza; jekk din l-ittra ma tintbghatx il-kawza tkun nulla.

Illi huwa car illi dan ghandu applikazzjoni ghall-Awtoritajiet kollha u ghalhekk japplika ukoll ghall-entitajiet ohra tal-Gvern bhal ma huma Kunsilli Lokali. Illi anke jekk dan ma sarx permess ta' eccezzjoni min-naha tal-Kunsill konvenut jekk kawza biex tigi istitwita ghandha bzonn process partikolari u din ma ssirx il-kawza ghandha tigi konsiderata monka u nulla.

Illi galadarba ma ngabet l-ebda evidenza li qabel l-avviz saret xi ittra ufficjali jew inkella sar xi protest gudizzjarju, din it-talba hi 'ntempestiva. Ghalhekk ghandu jitqies illi din it-talba hija intempestiva u f'dan il-kaz nulla.

Decide:

Ghalhekk it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici fl-intier taghha fil-konfront taz-zewg konvenuti.

Bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------